MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 694/2014

**Oval Brands Limited (C-46065)**

**Vs**

**Liam Cassar ezercenti l-kummerc taht l-isem Martingale Stationery**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz datat 3 t' Ottubru, 2014 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi:

Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tmien mija u erbghin ewro u tlettax il-centezmu (€840.13c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata mis-Socjeta' attrici (kopja *statement* dok A).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju u bl-interessi mid-data tal-fattura kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra mill-atti illi l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-26 ta' Jannar, 2015 mill-Avukatessa Dr Claudine P. Zarb u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' tmien mija u erbghin ewro u tlettax il-centezmu (€840.13c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------